

Brussell, 13 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10349/19

SOC 482
EMPL 371
GENDER 27
ANTIDISCRIM 17

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 13 ta' Ġunju 2019

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9804/19

Suġġett: Innaqqsu d-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa: Politiki u Miżuri Ewlenin
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Ġunju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Innaqqsu d-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa: Politiki u Miżuri Ewlenin, adottati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Ġunju 2019.

Innaqqsu d-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa: Politiki u Miżuri Ewlenin

Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

1. L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea mnaqqax fit-Trattati u rikonoxxut fl-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi li l-Unjoni, fl-attivitajiet kollha tagħha, għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza, bejn in-nisa u l-irġiel.
2. L-Artikolu 157 TFUE jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-prinċipju tal-ugwaljanza fil-pagi tal-ħaddiema nisa u rġiel għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali jiġi applikat u, bil-ħsieb li tkun żgurata fil-prattika l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol, jippermetti wkoll lill-Istati Membri li jżommu jew jadottaw miżuri li jipprevedu vantaġġi speċifiċi għal dawk tas-sess anqas rappreżentat sabiex ifittxu attività professjonali jew sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi fil-karrieri professjonali.
3. L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huma rikonoxxuti fil-Prinċipji 2 u 9 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali proklamati mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017.
4. Il-politiki tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa jimbottaw it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv 'il quddiem u huma prekundizzjoni għall-promozzjoni tal-prosperità, il-kompetittività u l-impjiegi kif ukoll għall-inklużività u l-koeżjoni soċjali.

5. Skont l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 5.4 tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-kura u x-xogħol domestiku mhux imħallsa għandhom jiġu rikonoxxuti u stmati permezz tal-provvista ta' servizzi pubbliċi, infrastruttura u politiki ta' protezzjoni soċjali u l-promozzjoni tar-responsabbiltà kondiviża fi ħdan l-unitajiet domestiċi u l-familji bħala xi ħaġa xierqa fuq livell nazzjonali. Barra minn hekk, l-SDG 8.5 tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli jinkludi referenza għall-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali.
6. It-tnaqqis fid-differenza fil-pagi, il-qligħ u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa u b'hekk il-għieda kontra l-faqar fost in-nisa huwa wkoll wieħed mill-oqsma prijoritarji identifikati mill-Kummissjoni Ewropea fl-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa għall-2016-2019.
7. In-normi soċjali, l-istrutturi tas-soċjetà, it-tendenzi kulturali u l-isterjotipi tas-sessi li għandhom għeruq fondi jaffettwaw l-għażliet magħmula fil-livell tal-unità domestika fir-rigward tat-tqassim tax-xogħol imħallas jew mhux u l-attivitajiet ta' kura bejn in-nisa u l-irġiel.

FILWAQT LI JFAKKAR LI

8. L-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) jidentifika d-dritt għax-xogħol bħala dritt inaljenabbli għall-bnedmin kollha. Huwa jirrikjedi li l-Istati Parti jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jeliminaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-qasam tal-impjiegi sabiex fuq il-bażi tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ikunu żgurati l-istess drittijiet, inkluż id-dritt għal remunerazzjoni ugwali, id-dritt għas-sigurtà soċjali u d-dritt għal-liv bi hłas. Dan l-Artikolu jirrikjedi wkoll li l-Istati Parti jintroduċu l-liv tal-maternità bi hłas jew b'benefiċċji soċjali komparabbli mingħajr it-telf tal-impjieg preċedenti, tal-anzjanità fil-kariga jew tal-benefiċċji soċjali.

9. Skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol) tal-1958, id-diskriminazzjoni tinkludi kwalunkwe distinzjoni, esklużjoni jew preferenza li ssir, jiġifieri abbażi tas-sess, bl-effett li xxejjien jew tfixkel l-ugwaljanza fl-opportunità jew it-trattament fl-impjeg jew ix-xogħol.
10. L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Indaq tal-1951 jipprevedi li kull Membru għandu jippromwovi u jiżgura l-applikazzjoni għall-ħaddiema kollha tal-prinċipju tar-remunerazzjoni ndaq għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ta' valur ugwali, u għaldaqstant jirreferi għall-istabbiliment ta' rati ta' remunerazzjoni mingħajr diskriminazzjoni abbażi tas-sess.
11. Il-Karta Soċjali Ewropea (riveduta) tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1996 tirrikjedi li l-Partijiet jieħdu ċerti azzjonijiet sabiex jiżguraw l-eżerċizzju effettiv, fost oħrajn, tad-dritt għax-xogħol u d-dritt għal remunerazzjoni ġusta. F'dan il-kuntest, ir-rikonoxximent tad-dritt tal-ħaddiema rġiel u nisa għal pagi ugwali għal xogħol ta' valur ugwali huwa dikjarat fl-Artikolu 4(3).

WAQT LI JINNOTA LI:

12. Skont l-Eurostat, il-ħlas gross medju fis-siegħa għan-nisa huwa anqas minn dak tal-irġiel u d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fl-UE għadha ta' madwar 16 % u qed tiċkien biss bil-mod ħafna jew saħansitra qed tikber f'xi Stati Membri. Barra minn hekk, l-indikatur tad-differenza fil-qligħ globali bejn l-irġiel u n-nisa juri li din id-differenza hija madwar 40 % fit-28 pajjiż tal-UE.

13. Id-differenza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa hija r-riżultat ta' firxa sħiħa ta' żbilanċi bejn l-irġiel u n-nisa fis-suq tax-xogħol. Mhix ikkawżata minn differenzi fil-livelli edukattivi għaliex fil-fatt il-prestazzjoni tan-nisa f'termini ta' kisbiet edukattivi fl-UE tisboq dik tal-irġiel. Minflok, hija kkawżata minn fatturi bħas-segregazzjoni skont is-sess fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fl-impjieg, is-segregazzjoni okkupazzjonali, l-iżbilanċi bejn l-irġiel u n-nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet, l-involviment aktar frekwenti tan-nisa f'xogħol part-time u l-interruzzjonijiet aktar ta' spiss u itwal li jieħdu mix-xogħol minħabba t-tqassim inugwali tar-responsabbiltajiet tal-unità domestika, tal-familja u ta' kura, bejn l-irġiel u n-nisa, u s-sottovalutazzjoni tax-xogħol magħmul min-nisa. Il-fatturi organizzazzjonali jistgħu wkoll jaqdu rwol, inkluż sigħat twal ta' xogħol u l-aspettattiva tal-preżenza fiżika u d-disponibbiltà barra l-ħin regolari tax-xogħol. Dawn il-fatturi kollha msemmija huma l-konsegwenza ta' preġudizzju u diskriminazzjoni persistenti involontarji minħabba s-sess, inkluż id-diskriminazzjoni fil-pagi, li jirriflettu nuqqas ta' applikazzjoni tajba tal-prinċipju ta' pagi ugwali għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali.
14. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE 2017-2019 dwar x'għandu jsir fir-rigward tad-differenza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa, adottat mill-Kummissjoni Ewropea, jelenka miżuri speċifiċi biex jiġġieldu l-kawżi primarji bħas-segregazzjoni okkupazzjonali skont is-sess, kemm orizzontali kif ukoll vertikali; in-nuqqas ta' trasparenza fil-pagi u t-tqassim mhux indaqs tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn l-irġiel u n-nisa. Il-Pjan ta' Azzjoni jistabbilixxi wkoll miżuri ta' sensibilizzazzjoni u miżuri biex jikxfu l-inugwaljanzi u jiġġieldu l-isterjotipi.

15. In-nota ta' riċerka mħejjija mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) dwar x'għandu jsir rigward id-differenza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa, u li dan ma jistax isir mingħajr bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, turi li l-probabbiltà li n-nisa madwar l-UE jaħdmu part-time jew b'kuntratti temporanji hija erba' darbiet ogħla minn dik tal-irġiel. Barra minn hekk, ir-rata ta' inattività ekonomika tan-nisa f'età tax-xogħol hija ogħla kważi d-doppju minn dik tal-irġiel. Mara minn kull ħamsa li tgħix fil-faqar mhix attiva fis-suq tax-xogħol minħabba responsabbiltajiet domestiċi u ta' kura. Skont in-nota ta' riċerka, dan jista', b'mod partikulari, jirrifletti in-nuqqas ta' faċilitajiet affordabbli u ta' kwalità tajba għall-indukrar tat-tfal kif ukoll servizzi ta' kura għal dipendenti oħra, u n-nuqqas ta' miżuri li jagħmlu x-xogħol irodd bħal arranġamenti tax-xogħol flessibbli għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Dawn il-miżuri jistgħu jgħinu jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata, inkluż l-allokazzjoni ta' ħin biżżejjed għal kull wieħed minn dawn l-oqsma. Barra minn hekk, in-nisa li jaħdmu full-time waqt li fl-istess ħin jagħmlu xogħol domestiku u ta' kura bla hla, jispiċċaw jaħdmu għal aktar sigħat kuljum mill-irġiel.
16. Dan is-sett ta' Konklużjonijiet jibni fuq ħidma preċedenti u impenji politiċi espressi mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż fid-dokumenti elenkati fl-Anness I.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi tagħhom u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, biex:

17. Jivvalutaw il-miżuri kollha disponibbli bil-ħsieb li jiżguraw l-infurzar effettiv fil-livell nazzjonali tal-prinċipju legali ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali.

18. Fejn rilevanti, itejbu l-miżuri eżistenti jew jintroduċu oħrajn ġodda biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali, inkluż miżuri biex tittejjeb it-trasparenza fil-pagi, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2014 dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' pagi ugwali¹.
19. Jieħdu miżuri biex isaħħu l-kapaċità tal-korpi għall-ugwaljanza biex jaġixxu, jassistu u jirrappreżentaw lill-vittmi tad-diskriminazzjoni fil-paga, u biex iqisu t-teħid tal-miżuri msemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2018 dwar l-istandards għall-korpi għall-ugwaljanza². Dawn il-miżuri jeħtieġ ukoll li jqisu l-bżonnijiet speċifiċi ta' nisa u rġiel li qed iħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni għal raġunijiet multipli.
20. Jieħdu miżuri effettivi biex jipromwovu l-ugwaljanza fl-edukazzjoni u l-impjegi sabiex jindirizzaw is-segregazzjoni tas-suq tax-xogħol u jnaqqsu d-differenza fil-paga tal-irġiel u n-nisa, inkluż dawn li ġejjin:
- a) miżuri biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni fil-paga, inkluż bil-promozzjoni tat-trasparenza fil-paga,
 - b) miżuri li jiżguraw edukazzjoni u taħriġ bla preġudizzju fil-livelli kollha, inkluż l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV), it-tagħlim tul il-ħajja u l-gwida għall-karriera u l-aċċess ugwali għalihom għal kulħadd;
 - c) miżuri li jsaħħu l-pożizzjoni tal-bniet, in-nisa, is-subien u l-irġiel fl-għażla ħielsa tal-oqsma edukattivi u tax-xogħol, mhux skont l-isterjotipi tas-sessi, iżda skont il-preferenza, l-abbiltà u l-ħiliet tagħhom;

¹ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32014H0124>

² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1548772937602&uri=CELEX:32018H0951>

- d) miżuri li jippromwovu l-aċċess ugwali għall-oqsma edukattivi u x-xogħlijiet kollha, u li jiffaċilitaw l-aċċess tan-nisa u tal-bniet għax-xjenza, it-teknoloġija, l-ingerija u l-matematika (STEM) u t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), kif ukoll miżuri biex jinkoraġġixxu lis-subien u lill-irġiel jitħarrġu u jaħdmu fil-qasam tal-edukazzjoni, is-saħħa u l-benessri (EHW);
- e) miżuri li jindirizzaw id-diżinċentivi għaż-żewġ ġenituri (u għall-ġenituri waħedhom) biex jieħdu sehem sħiħ fix-xogħol bi ħlas, inkluż politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol, u miżuri li janalizzaw u, fejn meħtieġ, jindirizzaw l-impatti tat-taxxa u tas-sistemi u l-jeddijiet għall-benefiċċji fuq id-dħul tan-nisa u l-irġiel;
- f) miżuri li jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ nonformali, kif ukoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u dwar il-preġudizzju involontarju minħabba s-sess għall-gruppi kollha ta' età sabiex tiġi miġġielda s-segregazzjoni okkupazzjonali; u
- g) miżuri speċifiċi għall-valutazzjoni tax-xogħol li tkun newtrali fir-rigward tas-sess, b'enfasi fuq il-benefiċċji ta' valutazzjoni bħal dawn għal dawk li jħaddmu.
- h) miżuri li jippromwovu rappreżentanza bilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali.

21. Jieħdu miżuri sabiex jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, tal-familja u tal-ħajja privata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, biex b'hekk jinkoraġġixxu t-tqassim ugwali tal-kura tar-responsabbiltajiet domestiċi bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż dan li ġej:

- a) miżuri biex itejbu l-provvista ta' servizzi tal-kura aċċessibbli, ta' kwalità tajba u affordabbli, inkluż għat-tfal żgħar, il-persuni anzjani u l-persuni bi bżonnijiet ta' kura fit-tul;
- b) miżuri li jippromwovu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fuq il-post tax-xogħol, jistabbilixxu sistemi ta' ċertifikazzjoni volontarja, jagħtu taħriġ professjonali, jissensibilizzaw, u jagħmlu kampanji ta' informazzjoni.

- c) miżuri li jtejbu d-drittijiet u l-appoġġ mogħti mill-impjegati biex jirrikonċiljaw aħjar ir-responsabbiltajiet tagħhom ta' kura ma' dawk professjonali u biex itejbu l-użu ta' dawn id-drittijiet mill-irġiel;
- d) miżuri li jippromwovu t-tqassim ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn in-nisa u l-irġiel;
- e) miżuri li jinkoraġġixxu lill-partijiet ikkonċernati, inkluż is-sħab soċjali [...] u n-negozji, biex jadottaw Prattiki li jwasslu għar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata, inkluż f'setturi ddominati mill-irġiel, u miżuri li jiżguraw opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel f'termini ta' aċċess għad-drittijiet u l-arranġamenti rilevanti;
- f) miżuri li jissensibilizzaw dwar id-drittijiet u l-arranġamenti marbuta mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u dawk li jindukraw sabiex ikun iffaċilitat l-użu ta' dawn id-drittijiet u l-arranġamenti, partikolarment mill-irġiel.

22. Iqisu u jinkludu miżuri speċifiċi għan-nisa u l-bniet fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għal żvilupp sostenibbli skont l-SDG 5³ tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha, inkluż bl-użu ta' data bbażata fuq l-indikaturi stabbiliti fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, u b'kont meħud taċ-ċirkustanzi nazzjonali, u waqt li jkunu rispettati r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, biex:

23. Jieħdu approċċ integrat għall-isforzi kollha biex titnaqqas id-differenza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa u biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, inkluż billi jitrawmu sinerġiji bejn l-istrateġiji tal-impjeg u politiki ekonomiċi u soċjali oħra li jikkonċernaw iż-żgħażaġh, l-edukazzjoni, it-tassazzjoni, il-benefiċċji għall-familja, il-protezzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa.

³ Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 5.

24. Jieħdu miżuri biex jeliminaw l-isterjotipi tas-sessi u jisfidaw is-suppożizzjonijiet sterjotipiċi dwar ir-rwoli skont is-sess bil-ħsieb li jnaqqsu d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa, li jnaqqsu s-segregazzjoni orizzontali u vertikali tas-sessi fis-suq tax-xogħol u jipromwovu tqassim aktar ugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura bejn l-irġiel u n-nisa.
25. Iżidu l-isforzi biex inaqqsu d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa u jiżguraw opportunitajiet indaqs ta' impjieg fil-kuntest tal-inizjattivi, il-politiki u l-miżuri rilevanti kollha, inkluż il-politiki u l-istrateġiji tal-impjegi u daww soċjali, pereżempju billi jsaħħu r-rwol tal-korpi u l-istituzzjonijiet pubbliċi responsabbli mill-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u billi jinkludu perspettiva tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi) fit-tnejn, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-impatti ta' dawn il-politiki fuq in-nisa u l-irġiel.
26. Jieħdu miżuri effettivi biex inaqqsu d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa, billi fejn rilevanti jieħdu mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni inkluż dan li ġej:
- a) miżuri li jtejbu t-trasparenza fil-pagi u l-infurzar tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali,
 - b) miżuri li jiżguraw li l-għażla tal-kandidati, b'mod partikulari għall-pożizzjonijiet maniġerjali fis-setturi privati u pubbliċi tkun imsejsa fuq evalwazzjoni li tkun ċara, oġġettiva u newtrali fir-rigward tas-sessi u tkun fuq il-merti u l-kwalifiki tal-kandidati;
 - c) miżuri li jiffaċilitaw li aktar nisa japplikaw għal pożizzjonijiet maniġerjali;
 - d) miżuri li jindirizzaw il-bżonn li x-xogħol domestiku u ta' kura tal-familja, li fil-biċċa l-kbira tiegħu għadu komputu mhux imħallas tan-nisa, jiġi professjonalizzat u regolarizzat; u
 - e) miżuri li jinkoraġġixxu l-iskambju tal-aħjar prattiki – fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali.

27. Jieħdu miżuri speċifiċi li jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, tal-familja u dik privata. Il-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik privata għandu jkun sostnut minn firxa ta' miżuri li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, inkluż taħlita ta' miżuri kemm leġislattivi kif ukoll ta' politika, bħal-liv marbut mal-familja, speċjalment il-liv tal-maternità, tal-paternità, tal-ġenituri jew tal-familjari li jindukraw, il-forniment ta' servizzi ta' kwalità tajba aċċessibbli u affordabbli, u arranġamenti flessibbli tax-xogħol għan-nisa u l-irġiel.
28. Jinkoraġġixxu lil dawk li jħaddmu biex jappoġġaw lill-irġiel biex jieħdu l-liv tal-ġenituri u liv ieħor marbut mal-familja u biex jużaw l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli.
29. Jinkoraġġixxu lil dawk li jħaddmu biex jagħmluha aktar faċli għall-impjegati tagħhom biex jużaw liv marbut mal-familja, b'mod partikolari l-liv tal-maternità, tal-paternità, tal-ġenituri u tal-familjari li jindukraw, kif ukoll l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli biex jieħdu ħsieb tfal u persuni dipendenti oħra, u b'hekk jiffaċilitaw it-tqassim ugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura.
30. Jipromwovu kulturi organizzazzjonali u ta' fuq il-post tax-xogħol li jwasslu biex jintlaħaq bilanċ bejn il-bżonnijiet tal-ħajja tax-xogħol u dik privata tan-nisa u tal-irġiel, pereżempju, fejn meħtieġ, permezz ta' pjanijiet ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.
31. Attivament jidħlu f'impenji man-negozji, pereżempju permezz ta' kampanji ad hoc jew bi premjijiet għal negozji eżemplari, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet tan-negozji jew tal-impjegati u ma' organizzazzjonijiet tat-tielet settur jew tas-soċjetà ċivili, bil-ħsieb li jipromwovu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-kawżi primarji tad-differenza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa, inkluż billi jiffaċilitaw l-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik privata kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa.
32. Jieħdu passi biex jiżguraw li kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem fil-karriera tagħhom mingħajr diskriminazzjoni fir-rigward tal-liv marbut mal-familja.

33. Jiffaċilitaw ir-ritorn tal-ħaddiema għax-xogħol wara perijodu ta' liv, kif ukoll ir-ritorn tagħhom għall-mudell tax-xogħol li kellhom qabel wara perijodu ta' xogħol part-time. Fl-ewwel każ, il-ħaddiema u dawk li jħaddmu għandhom jiġu mħeġġa jżommu kuntatt matul il-perijodu tal-liv u jagħmlu arranġamenti għal kwalunkwe miżuri xierqa ta' integrazzjoni mill-ġdid.
34. Jieħdu l-miżuri kollha rilevanti meħtieġa biex jilhq u l-objettivi ta' Barcellona dwar il-provvista ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal ta' kwalità tajba u affordabbli⁴ kif ukoll biex jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi ta' indukrar tat-tfal, u jqisu l-introduzzjoni ta' miri ġodda li jiffukaw fuq bżonnijiet ta' kura oħra matul iċ-ċiklu tal-ħajja, speċjalment għall-anzjani.
35. Iwasslu riżorsi lejn l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi mmirati biex jindirizzaw il-kawżi primarji tad-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa, inkluż fil-kuntest tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, b'mod partikolari il-Fond Soċjali Ewropew.
36. Jinkoraġġixxu lill-partijiet kollha u lill-atturi kkonċernati, inkluż is-sħab soċjali, in-negozji u s-servizzi ta' impjeg pubbliċi, biex iżidu l-isforzi tagħhom biex inaqqsu s-segregazzjoni orizzontali tas-sessi, inkluż billi jingħata valur aħjar lix-xogħol f'setturi dominati min-nisa, billi jittejjbu t-trasparenza u l-ġustizzja fis-sistemi tal-valutazzjoni tax-xogħlijiet, billi n-nisa u l-irġiel ikunu mħeġġa u jingħataw il-kapaċità li jaċċessaw opportunitajiet ta' xogħol fis-setturi kollha fuq bażi ugwali, u billi jiġu enfasizzati l-benefiċċji ekonomiċi tad-disegregazzjoni u l-importanza tagħha fil-kuntest tal-futur tax-xogħol.
37. Skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jindirizzaw il-kwistjoni tad-differenza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa fil-qafas attwali ta' governanza tal-Istrateġija Ewropa 2020, inkluż l-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir, u l-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjeggi, kif ukoll billi jqisu l-oqfsa strateġiċi futuri.

⁴ Fl-2002, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa l-miri ta' provvista ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal sal-2010 għal mill-anqas 90 % tat-tfal ta' bejn l-età ta' 3 snin sa dik obbligatorja għall-iskola u għal mill-anqas 33 % tat-tfal ta' taħt it-3 snin.

38. Jissensibilizzaw liċ-ċittadini Ewropej dwar id-differenza fil-paga tal-irġiel u n-nisa u dwar il-kawżi u l-konsegwenzi tagħha, inkluż id-differenza bejn l-irġiel u n-nisa fil-pensjonijiet u fir-riskji ogħla ta' faqar fost in-nisa f'età avvanzata.
39. Jinkoraġġixxu djalogu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż is-sħab soċjali, in-negozji, il-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-pagi, il-preġudizzju skont is-sess u l-isterjotipi fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol, u b'hekk jippromwovu t-tagħlim reċiproku.
40. Ikomplu jmexxu 'l quddiem il-ħidma konġunta tal-Kummissjoni u l-Eurostat dwar id-dekompożizzjoni tad-differenza mhux aġġustata fil-pagi tal-irġiel u n-nisa u regolarment jipubblikaw data rilevanti dwar id-differenza fil-pagi, id-determinanti tagħha, u l-konsegwenzi fuq il-qligħ u l-pensjonijiet.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA biex:

41. Tadotta Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistipula strateġija awtonoma dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għall-perijodu wara l-2019, inkluż politiki biex titnaqqas id-differenza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa.
42. Tanalizza l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik privata fil-kuntest tas-suq tax-xogħol u tqisu fit-tfassil tal-politiki tal-futur.
43. Issegwi attivament il-valutazzjoni li għaddejja⁵ tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/54/KE li timplimenta l-prinċipju tat-Trattat dwar il-paga ugwali, inkluż billi tqis il-ħtieġa ta' emendi għad-Direttiva.
44. Tippromwovi l-iskambju ta' Prattiki tajba bejn l-Istati Membri rigward miżuri li jindirizzaw il-kawżi primarji tad-differenza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa.
45. Issaħħaħ il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa) fl-oqsma kollha ta' politika, inkluż f'politiki dwar iż-żgħażaġh, l-edukazzjoni u l-impjiegi u fi programmi futuri.

⁵ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/initiatives/ares-2018-3415794_en

Referenzi**1. UE Interistituzzjonali:**

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_en.pdf

2. Leġislazzjoni tal-UE:

Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23-36.)

Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1-6)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE [*Dan għandu jiġi sostitwit b'referenza għad-Direttiva adottata.*]

3. Il-Kunsill:

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill kollha adottati dwar ir-rieżami tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing⁶ u Konklużjonijiet tal-Kunsill oħra dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, inkluż speċjalment dawk imsemmija hawn taħt:

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-impenn u ż-żieda fl-azzjoni biex tiġi eliminata d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, u r-reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (18121/10).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011- 2020) (ĠU C 155, 25.5.2011, p. 10-13).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa u l-Ekonomija: Ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja bħala prekondizzjoni għal parteċipazzjoni indaqs fis-suq tax-xogħol (17816/11).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fid-9 ta' Marzu 2015 dwar Nimxu lejn swieq tax-xogħol aktar inklużivi (7017/15).

⁶ http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/tools/statistics-indicators/platform-action/index_en.htm

- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2018 dwar Opportunitajiet ugwali ta' dħul għan-nisa u l-irġiel: Intemmu d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u l-irġiel. 10081/15.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 (13201/15).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Intejbu l-Ħiliet tan-Nisa u l-Irġiel fis-Suq tax-Xogħol tal-UE (6889/17).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2017 dwar Miżuri msaħħa biex tonqos is-segregazzjoni orizzontali tas-sessi fl-edukazzjoni u l-impjegi (15468/17).
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/241/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar l-indukrar tat-tfal, ĠU L 123, 8 ta' Mejju 1992, p. 16-18.
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tal-Ministri għax-Xogħol u l-Politika Soċjali, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, tad-29 ta' Ġunju 2000, dwar il-parteciġazzjoni bilanċjata tan-nisa u l-irġiel fil-familja u l-ħajja tax-xogħol, ĠU C 218, 31 ta' Lulju 2000, p. 5-7.

4. It-Triju ta' Presidenzi:

- [Dikjarazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel iffirmata mir-Rumanija, il-Finlandja u l-Kroazja (15 ta' Marzu 2019).]
- Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala prijorit  tal-Unjoni Ewropea llum u fil-ġejjieni. Proposta mit-Triju ta' Presidenzi Awstrijaka, Estonjana u dik Bulgara, Laqgħa informali tal-Ministri għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-UE, 12 ta' Ottubru 2018, Vjenna.

5. Kummissjoni Ewropea:

- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010: "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM (2010) 2020 final).
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/124/UE tas-7 ta' Marzu 2014 dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza (ĠU L 69, 8.3.2014, p. 112–116).
- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019" (SWD(2015) 278 final).
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017: "Inizjattiva ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu" (COM(2017)252 final).
- Pjan ta' Azzjoni 2017-2019 tal-UE: L-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. COM(2017) 678 final.

- Rapport dwar l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' indukrar għal tfal żgħar, bl-intenzjoni li tiżdied il-parteciżazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, jinstab bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal ġenituri li jaħdmu u biex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklussiv fl-Ewropa ("l-oġġettivi ta' Barċellona") (COM(2018)273).
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/951 tat-22 ta' Ġunju 2018 dwar standards għall-korpi għall-ugwaljanza, ĠU L 167/28 tal-4 ta' Lulju 2018, p. 28-35.
- Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u għall-Irġiel dwar il-politika futura tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa wara l-2019, sfidi u prijoritajiet qodma u ġodda
- Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u għall-Irġiel dwar l-isfidi l-ġodda għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fid-dinja tax-xogħol li qed tinbidel
- Rapport annwali tal-2019 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/aid_development_cooperation_fundamental_rights/annual_report_ge_2019_en.pdf

6. Il-Parlament Ewropew:

- Riżoluzzjoni tal-14 ta' Marzu 2017 dwar L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea 2014-2015
<http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&reference=P8-TA-2017-0073&language=MT>
- Riżoluzzjoni tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar Strateġija tal-UE biex titwaqqaf u tiġi evitata d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel
<http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&language=MT&reference=P8-TA-2017-0260>

7. EIGE:

- Nota ta' riċerka bl-isem "Tackling the gender pay gap: not without a better work-life balance" 6656/19 ADD 1
- L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi <https://eige.europa.eu/gender-equality-index>

8. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Opinjoni dwar il-"Pjan ta' Azzjoni 2017-2019 tal-UE: L-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa". SOC/571.

9. Oħra:

- Il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW).
 - Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli.
 - Il-Karta Soċjali Ewropea (riveduta) tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1996
 - L-aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tishiġ tal-pożizzjoni tan-nisa (Il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing)
-